**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 14 ta' Dicembru, 2017

Rikors Nru : 159/15 AL

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attrici, li permezz tieghu ippremettiet:

1. Illi l-partijiet ikkontrattaw iz-zwieg fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu tas-sena elfejn u hamsa (2005) f'Malta u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u markat Dok A;
2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;
3. Illi l-partijiet izzewgu biss wara li kienu ilhom jafu 'l xulxin xahrejn;
4. Illi bejn il-partijiet hemm ghoxrin (20) sena differenza fl-eta u l-esponenti kellha 23 u l-intimat kellu 43 meta ltaqa maghha;

5. Illi anke matul dan iz-zwieg qatt ma kien hemm hajja ta' mizzewgin bejniethom billi l-partijiet ma setghax ikollhom tfal, u minhabba f'hekk lanqas ghexu hajja ta' mizzewgin;
6. Illi l-partijiet isseparaw minn ma xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni li sar nhar l-ewwel (1) jum ta' Lulju tas-sena elfejn u hmistax (2015);
7. Illi l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essezjali tal-hajja mizzewga jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-partijiet li jwettqu l-obbligi essenzjali taz-zwieg;
8. Illi l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;
9. Illi l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Talbet ghar-ragunijiet premessi li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex previa kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija il-provvedimenti opportuni:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu tas-sena elfejn u hamsa (2005) huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi;

Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li in forza taghha eccepixxa : (fol. 11)

1. Illi preliminarjament, jigi sottomess illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;
2. Illi l-intimat kien jaqdi d-dmirijiet tieghu bhala ragel mizzewweg kif inhu xieraq u kif tirrikjedi l-hajja mizzewwga

fuq bazi regolari u kif ser jigi ppruvat aktar ‘il quddiem matul is-smigh tal-kawza;

3. Illi kienet precizament ir-rikorrenti li kienet cahdet milli taghmel l-att taz-zwieg mal-intimat stante li kienet tippreferi tintefa tara l-programmi fuq it-televizjoni jew fuq il-kompjuter hekk kif l-intimat jasal id-dar wara x-xoghol jew inkella tmur ghand il-familjari taghha u ddum sal-ghaxra ta’ billejl u thallih jistenniha d-dar;
4. Illi dan l-agir kien ukoll jigi fis-sehh fil-weekend fejn kien jirrendi r-relazzjoni ta’ bejn il-partijiet difficcli sabiex tinzamm;
5. Illi r-rikorrenti kienet tahdem matul il-gimgha u ghalkemm hija ma kienetx tahdem fil-weekend xorta kienet tichad lill-intimat milli tippreparalu l-ikel appena jasal mix-xoghol;
6. Illi l-intimat ghalkemm ir-rikorrenti kellha salarju mill-impjieg taghha xorta wahda kien jghaddilha l-paga li jisthoqqilha fl-ahhar tax-xahar u li hija kienet tibghat l-istess gewwa pajjizha fil-Marokk sabiex tkompli tibni l-post illi kellha gewwa dak il-pajjiz bl-intenzjoni illi fil-futur kellhom imorru flimkien jabitaw gewwa fih;
7. Illi huwa minnu illi l-intimat ma setghax ikollu tfal izda huwa ghadda minn trattament mediku sabiex dan ikun possibbli u prova ta’ dan qeghdin jigu annessi Dokument DLF 1 sa Dokument DLF 9;
8. Illi l-kunsens taz-zwieg qatt ma kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq id-drittijiet u l-obbligi essenzjali tal-hajja mizzewwga stante li kien hemm xi anomalija psikologika serja li ghamlitu impossibbli ghall-intimat li jwettaq l-obbligu essenzjali taz-zwieg minn naha tieghu ghajr hlief minn naha tar-rikorrenti illi ghamlet minn kollox sabiex tizzewweg malajr biex b’hekk tkun tista tinghata l-visa u l-passaport sabiex tirrisjedi gewwa Malta;
9. Illi l-intimat kien sincier mill-bidu nett qabel ma zzewweg illi jinforma lir-rikorrenti bil-problema tieghu li ma jistax ikollu ulied sakemm jaghmel xi trattament mediku u li r-rikorrenti kienet accettat dan stante illi t-tnejn li huma sifru gewwa l-Marokk sabiex jghaddu testijiet partikolari u li dawn ippartecipaw fih it-tnejn;
10. Illi l-kunsens taz-zwieg minn naha tal-intimat ma nkisibx bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi

wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dan kif ser jigi ppruvat aktar tard matul is-smigh tal-kawza;

11. Illi illum il-gurnata bl-agir tar-rikorrenti l-operazzjonijiet li l-intimat ghadda minnhom sabiex ikollu l-ulied safa kollu fix-xejn ghaliex issa sabiex huwa jkollu l-ulied u li huwa konvint li issa dan huwa possibbli irid jerga japplika mill-gdid u jkompli l-process mediku appena jerga jsib mara li ma jkollix ulied;

12. Illi wara dan kollu kien jidher bic-car illi r-rikorrenti kellha motivi ulterjuri sabiex tizzewweg lill-intimat;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi l-intimat jitlob lil din il-Qorti sabiex fuq ir-ragunijiet sopra indikati tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti tat-tnejn u tletin (23) ta' Marzu tas-sena elfejn u hamsa (2005) huwa validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat l-affidavits tal-partijiet;

Semgħet lill-konvenut jixhed in kontro-eżami;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-abbli difensuri tal-partijiet;

Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza.

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-Qorti għandha quddiemha talba sabiex iż-żwieġ bejn l-attriċi u l-konvenut, li ġie ikkontrattat fit-23 ta' Marzu 2005, jiġi ddikjarat null u bla effett fil-liġi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(c) u/jew19(1)(d) u/jew 19(1)(f) tal-Att Dwar iż-Żwieġ[1].

PROVI

Il-fatti tal-każ in eżami, in suċċint, huma s-segwenti:

1. Il-partijiet iżżewġu fit-23 ta' Marzu 2005[2] ġewwa r-Reġistru Pubbliku wara li kien ilhom jafu lil xulxin biss xahrejn. Fil-jum taż-żwieġ, l-attriċi kellha tlieta u għoxrin (23) sena u l-konvenut kellu tnejn u erbgħin (42) sena u cioe hemm differenza ta' kważi għoxrin sena fl-etajiet tagħhom.

2. Miż-żwieġ ma twieldux tfal.

3. Il-partijiet għaddew minn diversi konsulti, testijiet u interventi mediċi, kemm hawn Malta[3] u wkoll fil-pajjiż tal-oriġini tal-attriċi, il-Marokk, bl-iskop illi jikkonċepixxu tarbija.

Illi l-Qorti ssib li hemm diversi diskrepanzi fil-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet. Illi huma ma jaqblux min minnhom ippropona ż-żwieġ lil xulxin, bl-attriċi tgħid li wara ftit żmien joħorġu flimkien, hi marret ġimgħa l-Marokk u meta ġiet lura talabha biex tiżżewġu. Min-naħa tiegħu il-konvenut jgħid illi kienet hija li ħarġet bl-ideja li jiżżewwġu[4].

Il-verżjoni tal-attriċi

L-attriċi ssostni li ż-żwieġ bejn il-partijiet huwa null stante n-nuqqasijiet tal-konvenut fosthom illi huwa ma setax ikollu tfal.

---

[1] Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta
[2] Ċertifikat taż-żwieġ relattiv jinsab esebit fol. 4
[3] Il-files mediċi tal-partijiet jinsabu esebiti fol. 51 et seq.
[4] Kontro-eżami tal-konvenut fl-udjenza tas-26 t'Ottubru 2016, fol. 142

Permezz tal-affidavit tagħha[5], l-**attriċi A B**, tixhed kif ommha ma kinitx qablet li x-xhud tiżżewweġ lill-konvenut u dana stante li ma kinitx tafu u kien ferm ikbar minnha fl-eta`. Minkejja dan, hija xorta ħadet dan il-pass għaliex kienet żgħira u ma kinitx taf x'jiġifieri tidħol għaż-żwieġ.

Tgħid illi C ħeba minnha l-fatt li ma jistax ikollu t-tfal minkejja li kien jaf biha qabel ma żżewġu. *"Lili qatt ma qalli xejn sa wara li żżewwiġna u meta bdejna nippruvaw għat-tfal u ma stajtx ninqabad tqila morna għamilna testijiet."* Tgħid illi meta marru għand it-tabib, il-konvenut qallu li ħadd minn ħutu ma seta jkollu t-tfal. Dan kien xi sena u nofs wara ż-żwieġ, meta hija saret taf bil-problema fil-familja tiegħu u li anke ħutu s-subien għandhom l-istess problema. L-attriċi ħassitha dispjaċuta ferm li kien ħbielha ħaġa bħal din. Minn hemmhekk beda l-inkwiet u *"qisna ma bdejniex ngħixu l-ħajja li konna ngħixu qabel daqs ħames jew sitt snin ilu."*

Hija tispjega li C kellu ħafna pusses fuqha dwar dak illi tilbes. Ried iżommha d-dar u ma kienx la joħroġha u lanqas iħalliha toħroġ weħidha. *"Meta imbagħad bdejt naħdem u ltqajt ma' ftit ħbieb kien jagħmel minn kollox biex iwaqqafni milli nitħallat man-nies... Kien hemmhekk li jien indunajt li dan iż-żwieġ jien dħalt fih mingħajr ma kont naf għalxiex dieħla u b'ingann għax C lili qabel iż-żwieġ wara xahrejn kont naħseb li hu mod, pero C li llum nħares lura u ngħid għamilt dawn l-għaxar snin miegħu, assolutament ma huwiex id-C li kont naħseb li kien qabel"*

Illi l-attriċi tiċħad li hija żżewġet lill-konvenut sabiex tkun tista' tingħata l-viża. Tgħid li kieku l-iskop tagħha kienet il-viża ma kellhiex għalfejn tibqa' fiż-żwieġ għal ħdax-il sena. Fi kliemha: *"C se jkompli jigdeb u jgħid li ż-żwieġ tagħna kien biss farsa biex jien ikolli l-opportunita`li nieħu viża u passaport malti. Jiena xtaqt li jkollna ħajja feliċi dejjem u li jkollna t-tfal tagħna iżda dan iż-żwieġ mill-bidu kien imtappan għal fatt li C qatt ma qalli bil-problema li kellu. Hu naqas li jkun sinċier miegħi mill-bidu u mhux jien."*[6]

---

[5] Fol. 36

[6] Affidavit ulterjuri fol. 45

Il-verżjoni tal-konvenut

Skond il-konvenut **C D**[7], l-ewwel erba' snin taż-żwieġ tal-partijiet kienu tajbin u ma kellhomx disgwid. Kien fil-ħames sena li beda jinqala' l-inkwiet għaliex l-attriċi bdiet tippreferi toħroġ ma' sħabha milli miegħu u ssiefer ta' sikwit lejn pajjiżha mingħajru.

Il-konvenut jinsisti li huwa dejjem wettaq dmiru ta' raġel miżżewweġ u dejjem ġab rispett lill-familja tagħha. Kienet l-attriċi li kienet tonqsu fid-dmirijiet tagħha lejh fosthom li ma jkollhiex intimita` miegħu u wkoll li ma ssajjarlux fi tmiem il-ġimgħa minkejja li ma kinitx taħdem. Illi għalhekk iż-żwieġ tagħhom huwa validu, iżda jekk il-Qorti hija tal-fehma li huwa null, dan ċertament mhux għal tortijiet attribwibbli lilu. "*Jiena nħoss illi dan iż-żwieġ qatt ma kien żball u li għandu jiġi kkonfermat bħala validu skond ir-rikjesti tal-liġi.*"

Il-konvenut mhuwiex ċar fil-ħsibijiet tiegħu dwar il-validita o meno ta' dan iż-żwieġ għaliex filwaqt illi jitlob lill-Qorti tikkonferma l-validita` taż-żwieġ tagħhom, huwa jressaq għall-attenzjoni tal-Qorti argumenti favur in-nullita` tiegħu. Fil-fatt il-konvenut, filwaqt illi jinsisti li ż-żwieġ tiegħu mal-attriċi huwa validu, jgħid illi l-attriċi riedet tiżżewweġ ta' malajr sabiex b'hekk tkun tista' tingħata l-viża u l-passaport Malti. *"Hija ħadet il-passaport kif xtaqet mill-bidu nett u ddeċidiet li nisseparaw u qabdet u telqet mid-dar."*

Il-konvenut isostni illi hu sa mill-bidu nett qabel iż-żwieġ kien informa lill-attriċi bil-problema tiegħu li ma jistax ikollu ulied sakemm jagħmel xi trattament mediku. *"Jiena mill-bidu nett tar-relazzjoni kont avżajtha illi jiena ma jistax ikolli tfal u nfatti għanki avżajtha illi ż-żewġ ħuti s-subien m'għandomx tfal lanqas. Għal dan hija wieġbet li illum hawn ir-rimedji u mmorru għalihom. Jiena avżajtha mill-ewwel illi jekk hija trid li ma nkomplux bir-relazzjoni ta' bejnietna minħabba li jiena għandi dik il-problema f'dejha iżda hija nsistit li hemm intervjenti mediċi."* Fil-fatt huma bdew it-testijiet fil-Marokk u mbagħad komplew hawn Malta.

[7] Affidavit, fol. 30

Jippreżenta[8] serje ta' dokumenti lkoll iddatati fl-2014 illi jindikaw l-interventi u t-testijiet mediċi li kien għaddej minnhom rigward l-istess problema. Jinsisti li r-rispons tat-tobba dejjem kien li b'dawn l-interventi huwa seta' jkollu t-tfal.

Il-konvenut jallega li l-attriċi kellha motivi oħra biex tiżżewġu għaliex fil-mument li huwa għamel l-interventi mediċi kollha neċessarji sabiex il-koppja jkollhom wild, l-attriċi telqet mid-dar. Meta ġew isejħa għall-IVF, hija kienet laħqet telqet mid-dar matrimonjali. Jgħid li ma jistax jifhem għalfejn ħallietu jgħaddi mill-uġiegħ kollu, li kienet ben konsapevoli dwaru stante li hija taħdem l-isptar, biex imbagħad waqqfet kollox.

PRINĊIPJI LEGALI

F'dan l-istadju, l-Qorti ser tgħaddi sabiex tiddiskuti l-kawżali li fuqhom hija msejsa l-kawża odjerna u cioe l-Artikoli 19(1)(c), 19(1)(d) u 19(1)(f) tal-Att dwar iż-Żwieġ, illi jistipulaw:

***19. (1) B'żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skont xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, żwieġ ikun null:***

***(ċ) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalità tal-parti l-oħra li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa;***

***(d) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;***

***(f) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ;***

[8] Dok. DLF 1 sa DLF 9, fol. 14 et seq.

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex teżamina n-nullita' taż-żwieġ *o meno* taħt dawn it-tliet artikoli separatament, u fl-ewwel lok, taħt l-Artikolu **19(1)(c)**.

Dwar l-Artikolu 19(1)(c) u cioe' li l-kunsens tar-rikorrenti nkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-oħra li tista' mix-xorti tagħha tkixkel serjament il-ħajja miżżewġa, issir referenza għall-kawża fl-ismijiet Pierina Micallef vs. Bentanfous Amor[9] fejn ġie dikjarat li *"Kwantu għal "qerq" …. dan ċertament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodiċi Ċivili. L-egħmil doluż pero` ma jista' qatt ikun preżunt u għandu jiġi pruvat (Artikolu 981(2)). Il-qerq irid ikun tali li jkun jista` jbiegħed ir-raġuni u jegħleb il-volonta`".*

Illi l-leġislatur Malti llimita l-qerq fuq *"xi kwalita tal-parti l-oħra li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa".*[10]

Illi l-Qrati tagħna dejjem sostnew li ż-żwieġ ikun null skond dan is-sub-artikolu jekk waħda mill-partijiet tagħti l-kunsens tagħha għax tkun ġiet imqarrqa jew mill-parti l-oħra jew minn xi ħaddieħor dwar xi kwalita tal-parti l-oħra.[11]

Fis-sentenza fl-ismijiet Stephen Sciberras vs. Avukat Francesco Depasquale et nomine[12] il-Qorti ċċitat dak stipulat fis-sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Louis Agius vs. Georgia Agius xebba Gauci[13], fejn ikkwotat b'approvazzjoni dak li jgħid l-awtur L. Wrenn fil-ktieb tiegħu "Annulment" fejn ġie sostnut li sabiex ikun hemm nullita` ta' żwieġ fuq il-bażi li l-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-oħra li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa, huwa meħtieġ li tali kwalita`:

---

[9] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Diċembru 2002 (Ċitazzjoni Numru 1176/2000/1PS)

[10] Carmelo sive Charles Mifsud vs. Anna Mifsud nee' Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP) u AB vs. Dr. Leontine Calleja et noe. deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), fis-6 t'April 2017, (Rikors Ġuramentat: 21/16AL)

[11] Fattah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit- 22 ta' Novembru 1982, kif iċċitata b'approvazzjoni f'Carmelo sive Charles Mifsud vs. Anna Mifsud nee' Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP)

[12] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Diċembru 2002 (Ċitazzjoni Numru 1781/1998/1PS)

[13] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Civili fid-19 ta' Ottubru 1988

1. tkun waħda inerenti għall-persuna u mhux xi att fil-passat;
2. tkun preżenti fil-mument taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ;
3. tkun gravi jew oġġettivament jew soġġettivament;
4. ma tkunx magħrufa lill-parti l-oħra;
5. tiġi mistura frawdolentement sabiex jiġi ottjenut il-kunsens maritali;
6. trid tipprovoka kriżi meta tiġi skoperta, għax inkella jitqies li l-iżball ma kienx sostanzjali.

Din il-kawżali ġiet ukoll ikkonsidrata fil-każ John Borg vs. Paula sive Polly Borg[14] fejn ġie osservat li:- *Il-leġislatur Malti, iżda, għażel li jillimita l-qerq, bħala kawża ta' nullita' ta' żwieġ, għall-qerq dwar dawk il-kwalitajiet, oġġettivament gravi, li jinċidu fuq l-essenza, il-proprjetajiet u l-għanijiet taż-żwieġ".* Il-Qorti kkwotat lill-awtur **Viladrich** fejn dana sostna illi *"The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality must be objectively grave and establishes the partnership of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, properties and ends of marriage. Therefore, those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and, in this sense, they are merely arbitrary or trivial".*

Illi l-Qorti tirreferi wkoll għall-**artikolu 19(1)(d)** tal-Att dwar iż-Żwieġ illi fuqu wkoll l-attriċi ssejjes l-azzjoni tagħha.

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni dwar il-ħajja miżżewġa u/jew l-elementi essenzjali tagħha, il-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' immaturita' li parti jew oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita' sħiħa u perfetta, ftit jew addirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. Kunsens validu iżda jeħtieġ konoxxenza sħiħa ta' dak kollu li jkunu deħlin għalih il-partijiet u impenn għall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-preżent kif ukoll fil-futur. Dan ifisser illi l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li

[14] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Mejju 1995 (Ċitazzjoni Numru 591/94VDG)

tagħmilhom kapaċi jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ġġib magħha l-ħajja miżżewġa u jkunu għalhekk kapaċi jerfgħu u jwettqu l-istess matul il-ħajja matrimonjali tagħhom. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva, liema maturita` affettiva tkun fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi waħda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-ġudizzju kif rikjest mill-liġi.

Illi mill-ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati jidher ċar illi l-kunsens mogħti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak il-kunsens sempliċi rikjest fil-kuntratt in ġenerali għaliex il-kuntratt taż-żwieġ huwa wieħed *sui generis* u ta' ordni pubbliku. Illi għalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' żwieġ mhux biss irid ikollhom il-kapaċita' li jagħtu dak il-kunsens, iżda li l-istess irid jiġi mogħti bl-aktar mod liberu u xjenti għal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taż-żwieġ.[15]

Kif jispjega l-awtur **Bersini** *"e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o ad dirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio."*[16]

L-awtur **Pompedda** jispjega kif ġej *"se il soggetto non e' in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira' che la scelta di lui non e stata libera; In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di*

---

[15] Marita Schembri vs. Emmanuel Schembri, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' April, 2003, (Ċitazzjoni Numru. 1081/2001/1RCP)

[16] Bersini Francesco, Il Diritto Canonico Matrimoniale, (Torino, 1994), p. 97 – kif rappurtat fid-deċiżjoni Renato Galea vs. Sharon Galea nee' Gibson mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Marzu, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 484/1995/2RCP)

*assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei rigwardi della parole"*[17]

Illi kif jispjega Bersini, id-diskrezzjoni ta' ġudizzju tikkonsisti f'żewġ elementi distinti iżda konkorrenti u interdipendenti: *"la piena avvertenza e il deliberato consenso …. La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva…. La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli oblighi essenziali da assumersi e ai doveri cognugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)"* [18]

Illi l-awtur **Viladrich** jispjega li:- *"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage,which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly*

---

[17] Pompedda Mario Francesco, Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento, (Bologna, 1991), pp. 231, 233– kif rappurtat fid-deċiżjoni Renato Galea vs. Sharon Galea nee' Gibson mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Marzu, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 484/1995/2RCP)

[18] Bersini Francesco, Il Diritto Canonico Matrimoniale, (Torino, 1994), p. 97 – kif rappurtat fid-deċiżjoni Angela Spiteri Selvaggi vs. Joseph Spiteri mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Novembru 1994

*faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"*[19]

Illi l-Qorti tirreferi wkoll għall-**artikolu 19(1)(f)** tal-Att dwar iż-Żwieġ u tirrileva li sabiex tiġi milqugħa talba għal dikjarazzjoni ta' nullita' taż-żwieġ f'dan il-kuntest, irid jiġi neċessarjament provat li xi wieħed mill-partijiet, jew it-tnejn, għamel simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens tiegħu jew tagħha.

Illi kif ġie spjegat fil-każ Alfred Tonna vs. Maria Tonna[20]**,** *"ikun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-għoti tal-kunsens matrimonjali parti jew oħra (jew it-tnejn) esternament turi li qed tagħti l-kunsens matrimonjali iżda nternament u b'att pożittiv tal-volonta' tagħha tkun qed tiċħad il-kunsens għal dak iż-żwieġ (simulazzjoni totali) jew, dejjem b'dak l-att pożittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali għaż-żwieġ (simulazzjoni parzjali)".*

Illi meta wieħed jitkellem dwar l-esklużjoni taż-żwieġ jew wieħed mill-elementi essenzjali tiegħu, wieħed irid jifli jekk il-kontendenti jew wieħed minnhom, allavolja hu kapaċi jagħti kunsens validu għaż-żwieġ, pero' bl-atti tiegħu qabel u fil-ħajja miżżewġa, jew bl-ommissjoni tiegħu, eskluda *a priori* ċertu obbligi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, cioe', issimula l-kunsens tiegħu totalment fejn eskluda *a priori* ż-żwieġ, jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi waħda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali.[21]

Illi taħt l-artikolu 19(1)(f) trid issir distinzjoni ċara bejn żwieġ li jfalli minħabba ċirkostanzi li jirriżultaw waqt iż-żwieġ, u żwieġ li jfalli għax xi wieħed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tiegħu, kien ġja' mentalment dispost li ma jottemprax ruħu ma' xi waħda jew aktar mill-

---

[19] Viladrich, Pedro Juan, Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated (Montreal, 1993), p. 686 – kif rappurtat fid-deċiżjoni Lydia Musu` vs. Dr. Ian Spiteri Bailey et. noe. mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-1 t' Ottubru, 2002, (Ċitazzjoni Numru. 390/1999/1RGM)

[20] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (VDG), 31 ta' Jannar 1996

[21] Sharon Lanzon vs. Francis Attard - Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 15 ta' Marzu 2000

obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-raġunijiet li jagħtu lok għal separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament.[22]

Illi għar-rigward tas-**simulazzjoni totali**, il-Qorti fil-każ Bonnici vs. Bonnici[23] qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali irid jiġi ppruvat li l-*finis operis* taż-żwieġ ġie effettivament eskluż mill-vera rieda ta' parti jew oħra, għalkemm formalment tkun seħħet iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ. Il-Qorti f'deċiżjoni oħra tagħha qalet illi jekk tmur għaċ-ċerimonja tat-tieġ u internament tissostitwixxi l-idejat tiegħek fuq x'inhu żwieġ jew inkella xort' oħra teskludi l-veru kunċett taż-żwieġ, hi forma ta' simulazzjoni totali.[24]

Illi mbagħad fil-każ Anna Galea vs. John Walsh[25], il-Qorti spjegat is-simulazzjoni bħala *"meta l-atti, ġesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux għall-kunsens intern li jkun ingħata"*.

Fil-każ Muscat vs. Borg Grech[26] il-Qorti spjegat is-simulazzjoni totali f'dawn il-kliem:- *"għalhekk min esternament ikun wera li qed jagħti l-kunsens matrimonjali iżda ikun internament u b'att pożittiv tal-volonta' tiegħu qed jiċħad il-kunsens għal dak iż-żwieġ ikun qed jissimula l-kunsens tiegħu".*

Illi meta niġu għas-**simulazzjoni parzjali** dina tfisser l-esklużjoni pożittiva ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa. L-Att dwar iż-Żwieġ ma jagħtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ, iżda mill-ġurisprudenza kostanti tagħna l-elementi li dejjem ġew ritenuti bħala l-obbligazzjonijiet tal-ħajja

---

[22] Ali Chahid vs. Mary Spiteri - Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 5 ta' Ġunju 2002 (Ċitaz: 1733/01RCP)

[23] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' Lulju, 1982 – kif rapportata f'Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP)

[24] Cali vs. Dr. Albert S. Grech – Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 22 ta' Ġunju 1988– kif rapportata f'Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP)

[25] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' Marzu, 1995, kif rapportata f' Emanuel Walter Vella vs. Mona Lisa Vella, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 1 t'Ottubru 2002 (Ċitaz. 801/1996RCP)

[26] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 14 ta' Awissu 1995, kif rapportata f'Emanuel Walter Vella vs. Mona Lisa Vella, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 1 t'Ottubru 2002 (Ċitaz. 801/1996RCP)

miżżewġa huma l-unjoni permanenti, esklussiva u irrevokabbli, diretta għall-komunjoni ta’ ħajja u prokrejazzjoni u t-trobbija tal-ulied.

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-każ Abdel Wahed vs. Dr. Yana Micallef Stafrace et. noe.[27] elenkat l-elementi essenzjali taż-żwieġ bħala l-kommunjoni tal-ħajja konjugali, l-indissolubilta' tar-rabta taż-żwieġ, id-dritt għall-fedelta' u d-dritt għall-prokrejazzjoni ta' l-ulied. L-istess elementi ġew ikkonfermati wkoll fil-kawżi Grech vs. Grech[28] u Aquilina vs. Aquilina[29].

Din il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet Atkins Charles vs. Atkins Matilde[30] fejn ġie ritenut li “*rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ, dawn huma dawk l-elementi li dejjem ġew ritenuti bħala l-obbligazzjonijiet tal-ħajja miżżewġa u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta għal komunjoni ta' ħajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi għalhekk jekk xi waħda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapaċita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iż-żwieġ li jiġi hekk kreat ma jistax ikun wieħed validu*....*Teżisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss waħda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jiġi stabbilit iż-żwieġ bħal per eżempju, l-esklużjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-esklużjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-oħra*”.

## APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN

Illi stabbiliti dawn l-aspetti legali tal-kunċetti tal-qerq, tad-difett serju fid-diskrezzjoni tal-ġudizzju u tas-simulazzjoni tal-kunsens, il-Qorti ser tgħaddi, sabiex tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fid-dawl tal-provi miġbura.

---

[27] Irrappurtat bħala C vs. D, Prim’Awla tal-Qorti Ċivili (FD), 14 ta’ Lulju 1994

[28] Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, 9 t’ Ottubru 1990 - kif rapportata f’Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova, Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta’ Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP)

[29] Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta’ Jannar 1991 - kif rapportata f’Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova, Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta’ Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP)

[30] Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), 2 t’Ottubru 2003 (Ċitazz: 1264/1997RCP)

Illi dwar l-ewwel kawżali tal-qerq, il-Qorti hija tal-fehma li l-attriċi ma rnexxiliex tipprova li l-konvenut ħbielha konxjentement il-fatt li hu ma kienx jista' jkollu t-tfal. Illi kien jispetta lilha li tressaq din il-prova stante li l-qerq ma jistax jiġi preżunt. Illi l-konvenut jiċħad kategorikament li huwa ħbielha dan il-fatt u jgħid li mill-ewwel kien informaha b'dan u kien taha ċ-ċans taħsibha jekk tridx tkompli bir-relazzjoni miegħu minkejja l-problema li kellu. Illi fid-dawl ta' din il-kontestazzjoni, l-attriċi kellha tressaq provi konvinċenti sabiex il-Qorti tista' tkun moralment konvinta li l-konvenuta ħbielha difett daqstant gravi fil-kuntest tal-ħajja miżżewġa, għab-bażi ta' liema difett il-Qorti tista' tiddikjara n-nullita` taż-żwieġ.

Illi inoltre, kif intqal fil-ġjurisprudenza appena ċċitata, sabiex il-qerq ikun tali li jinvalida ż-żwieġ, irid jipprovoka kriżi meta jiġi skopert, għax inkella jitqies li l-iżball ma kienx sostanzjali. Fil-każ odjern, ma jidhirx li l-aħbar li l-konvenut ma jistax ikollu tfal, ikkawżat xi kriżi u dana għaliex il-partijiet baqgħu miżżewġin għal tmien snin wara d-data meta l-attriċi ssostni li saret taf li l-konvenut ma jistax ikollu tfal. Inoltre l-partijiet ma qatgħux qalbhom u bdew l-interventi mediċi neċessarji sabiex ikollhom it-tfal.

Rigward il-kawżali tas-simulazzjoni, il-konvenut isostni li l-attriċi żżewġitu biss sabiex setgħet tikseb il-passaport Malti. Il-Qorti ma taqbilx u tikkondividi l-opinjoni tal-attriċi li kieku dan biss kien l-iskop tagħha fiż-żwieġ, hija ma kinitx iddum miżżewġa għal għaxar snin. Fi żmien ħames snin, l-attriċi kellha dritt tapplika għall-passaport Malti. Fil-fatt, hija diversi drabi xehdet fis-sens li hija ppruvat issalva ż-żwieġ tal-partijiet u li kienet xtaqet illi jkun żwieġ feliċi.

Illi *prima facie* meta, wieħed iqis illi l-partijiet damu għarajjes biss għal xahrejn, u jqis ukoll id-differenza fl-etajiet tagħhom jista' jasal għall-konklużjoni mgħaġġla illi dan iż-żwieġ ma kienx validu. Iżda meta wieħed jikkonsidra sewwa l-fatti, jara li l-partijiet daħlu għaż-żwieġ b'maturita`. Il-konvenut jinsisti li huwa kien iħobb lill-attriċi u baqa' jħobbha anke wara li sseparaw. L-attriċi ma tistax titwemmen li hija kienet wisq żgħira u li ma kinitx taf għal xiex kienet dieħla. Hija kienet kapaċi terfa' l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ġġib magħha l-

ħajja miżżewġa. Hija kellha erbgħa u għoxrin sena u kienet taf tajjeb x'kienu l-obbligi tagħha. Anke l-konvenut kien ben konsapevoli dwar id-dmirijiet tiegħu u kien jaħdem anke xogħol part-time biex il-mara tiegħu ma tkunx nieqsa materjalment u jkun jista' wkoll iħallsilha biex tmur il-Marokk u ġġib il-familjari tagħha hawn Malta. Anke jekk f'xi aspetti huwa kien pussessiv fuq martu, dan ma jfissirx illi huwa ma fehemx id-dmirijiet tiegħu. F'kull żwieġ, il-konjuġi xi drabi jonqsu lil xulxin b'xi mod, iżda b'hekk ma jfissirx illi ż-żwiġijiet kollha huma invalidi.

Il-każ in eżami huwa każ klassiku ta' żwieġ validu, iżda li sfortunatament falla wara diversi snin, kawża tan-nuqqas t'ulied konċepiti mill-istess żwieġ. Minħabba din id-diffikolta`, l-aspettattivi taż-żewġ partijiet fiż-żwieġ ma ġewx milħuqa. Fil-fatt, il-partijiet qablu li għall-ewwel erba' snin kollox kien sejjer sewwa bejniethom. Kienet din il-problema tal-ulied, l-ostaklu li ma rnexxilhomx jegħlbu, u li wasslet sabiex il-partijiet jisseparaw.

Il-Qorti m'hijiex tal-fehma illi fil-każ in eżami, il-kunsens tal-partijiet kien invalidu. Il-partijiet kellhom il-konoxxenza meħtieġa ta' dak kollu li kienu deħlin għalih. Għaldaqstant il-Qorti m'hijiex sodisfatta li l-attriċi ipprovat, sal-grad li tirrikjedi l-liġi illi l-kunsens tagħha jew tal-konvenut kien ivvizzjat b'difett serju tad-diskrezzjoni tal-ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, u konsegwentement għan-nullita taż-żwieġ bejniethom.

Ma jirriżultax illi l-partijiet jew xi ħadd minnhom ma fehemx l-obbligi tiegħu fiż-żwieġ. Anke jekk iżżewġu f'qasir żmien, il-partijiet kienu jafu l-effetti maħluqa bil-kunsens tagħhom, li jirriżulta għal kollox regolari. Ma jirriżultax lanqas illi huma eskludew xi waħda mill-elementi essenzjali taż-żwieġ.

Il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-provi miġjuba f'din il-kawża konsistenti primarjament fid-deposizzjonijiet tal-partijiet u ma tista' ssib xejn fihom li b'xi mod jippruvaw il-vizzji tal-kunsens allegati mill-attriċi. Il-kawżali tal-qerq ma ġiex sodisfaċentement ippruvat filwaqt illi m'hemmx indikazzjoni li fil-mument illi taw il-kunsens l-elementi tad-diskrezzjoni tal-ġudizzju kienu neqsin mill-partijiet jew min minnhom. Lanqas

m’hemm provi li jista’ jwassal lil din il-Qorti tikkonkludi li l-partijiet jew xi ħadd minnhom, b’att pożittiv tal-volonta tagħhom, eskludew, fil-mument tal-għoti tal-kunsens, iż-żwieġ innifsu jew wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa.

## DEĊIDE

Illi għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi din il-kawża billi **tiċħad** it-talba tal-attriċi, bl-ispejjeż kontra tagħha.